# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 13 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 744/97**

**Numru 22**

**Francis Cuschieri**

**vs**

**Renato Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess attur l-ammont ta' seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin tlieta u sebghin centezmu (Lm757.73c0) rapprezentanti pagamenti ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ghal-perjodu minn Jannar 1995 sa Lulju 1996, kif ukoll pagamenti ta' taxxa mhallsa mill-attur favur il-konvenut bhala PAYE mill-perjodu ta' Jannar 1995 sa Awissu 1995 liema pagamenti ma tnaqqsux mis-salarju tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Dicembru 1996 u tal-Mandat ta' Qbid numru 215/97 u bl-imghaxijet legali mid-data tal-avviz  sad-data ta' l-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi l-avviz huwa null stante li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut gew imharrka wahedhom u mhux man-nisa rispettiva taghhom.

2. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.  Fil-fatt ghaliex meta l-konvenut gie impjegat mill-attur il-ftehim kien li l-paga johodha netta u kull kontribuzzjoni specjali jew ta' kwalsiasi xort'ohra tithallas mill-attur.

Fid-dritt ghaliex kull kontribuzzjoni kellha titnaqqas mill-paga kull gimgha, u bl-ebda mod ma jista' <u>issa</u> l-attur jitlob rifuzjoni.

3. B'riserva ta' eccezzjonjijirt ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sentenza moghtija fit-2 ta' Lulju 2001 (fol 53 sa fol 55 tal-atti) u dan in rigward l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari sottomessa mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-provi kollha, dwar il-meritu ta' dan il-kaz, gew sottomessi mill-partijiet involuti permezz tal-procedura ta' "affidavit".

Illi dawn il-provi, fil-qosor, kienu is-segwenti:

a) L-attur (fol 15 et seq ibid) xehed li hu jiggestixxi negozju ta' dolceria, hawn Malta u kien beda' din l-attivita' matul Mejju tal-1994 wara li, madwar sena' qabel, kien irritorna lura f'Malta mill-Kanada fejn kien jirrisjedi mal-familja tieghu bejn l-1978 sal-1993. Fil-5 ta' Jannar 1995, skond kif risultanti mid-dokument markat Dok FC1 a fol 18 tal-atti, hu kien impjega mieghu bhala dolcier lill-konvenut bil-"paga ta' tmenin lira (Lm80) fil-gimgha u li l-kondizzjonijiet ta' impjieg tieghu kellhom ikunu regolati skond il-ligi". Wara li l-konvenut kien ghamel proposta, mhix accettata mill-attur, ta' paga ta' Lm120 fil-gimgha. In rigward il-paga kif

hawn fuq miftehma u li kienet tithallas "gross" lill-konvenut, dan il-hlas kien jsir permezz ta' "cheque" mahrug kull gimgha.

Fl-istess perjodu , kien gie impjegat ukoll certu Joseph Mifsud. Inoltre, xi zmien wara, hu kien inkariga "Accountant" bl-isem ta' Richard Saliba sabiex jiehu hsieb "il-karti tan-negozju" imsemmi liema attivita kienet "… l-ewwel negozju ghalija". Difatti, f'Gunju 1996, waqt laqgha mal-istess "accountant", dan informah li, f'Malta "… l-bolol u t-taxxa dovuta mill-impjegat kellhom jinqatghu direttament mill-principal mill-paga tal-impjegat" u fin-nuqqas, hu kien responsabbli direttament u personalment fil-konfront tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Minhabba li hu ma kienx segwa din il-procedura, hu talab lill-istess "accountant" sabiex jikkalkola l-ammont involut. Inoltre kien avvicina lill-konvenut u lill-impjegat l-iehor hawn fuq imsemmi in konnessjoni mal-hlas tal-imsemmija arretrati "li jiena kont kostrett inhallsilhom". In rigward dan, l-"accountant" informah li skond il-kalkoli maghmula minnu, l-ammont ta' arretrati dovuti, vis-à-vis il-konvenut kienu jammontaw ghal Lm757.73,0 (ara l-anessi dokumenti a fol 19 u 20 markati Dok FC2 u Dok FC3).

Fl-ahharnett, l-attur sostna "… il-flus li jiena qieghed nitlob minghand il-konvenut …… hallasthom fuq parir ta-"accountant"

….”.  Inoltre l-konvenut kien telaq, minn jeddu, mill-impjieg tieghu mal-attur fit-13 ta’ Lulju 1996 cioe gimgha wara li l-istess attur informah dwar l-ammont dovut minnu li baqa’ ma thallasx mill-konvenut, konrarjament ghal dak li gara fil-kaz tal-impjegat l-iehor.  Joseph Mifsud (ara ukoll ix-xhieda ta’ bin l-attur <u>Emanuel</u>, a fol 22 sa 24 ibid) kif ukoll dik tal-imsemmi “Accountant”, <u>Richard Saliba</u> a fol 31 u 32 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 37 u 38 ibid) jsostni li, skond il-ftehim ta’ impieg bejnu u l-attur, hu kellu jithallas, bhala paga Lm80, fil-gimgha “<u>f’idi</u>” u “fil-ftehim li jiena bl-ebda mod ma nhallas it-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta’ Nazzjonali”.  Hu jkompli jghid li ma kienx minnu li l-attur ma kienx jaf bir-regolamenti tat-taxxa u tas-Sigurta Nazzjonali “<u>u dana jigi ipprovat waqt is-smiegh tal-kawza</u>”.  Inoltre fil-paragrafu 8 tal-istess “affidavit”, hu jsemmi skrittura privata, li fiha kien hemm indikati ammonti li ma jaqblux ma dak pretiz f’dan l-avviz.  Jinghad, pero’, li din l-iskrittura ma hix annessa mal-atti, kif hemm indikat f’dan il-paragrafu.  Fl-ahhar parti tal-“affidavit” tieghu, l-konvenut semma li, kif l-attur informah li kien ser jnaqqas l-kontribuzzjonijiet hu ta’ n-“notice” u li l-attur, diversi drabi, kien hallsu Lm5 aktar mill-paga miftehma.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk issir referenza ghar-rikors anness, presentat, mill-konvenut fl-10 ta' Mejju 2002, sabiex din il-Qorti ma tippronunzjax ruhha fuq il-meritu ghar-ragunijiet hemm premessi. Fl-istess rikors jsir accenn ghal dokumenti sabiex dawn jigu presentati fl-atti ta' din il-kawza oltre ghal kontro esami ta' xhieda li gja instemghu. In rigward din it-talba ghandu jinghad li l-konvenut seta' ppresenta dawn id-dokumenti flimkien mal-affidavit sottomess minnu. Inoltre kif jidher mill-atti, l-attur issottometta l-provi tieghu fl-24 ta' Settembru 1998 (fol 14 et seq ibid) u fid-19 ta' Ottubru 1998 (fol 30 et seq ibid) u l-konvenut kellu zmien sufficjenti sabiex jaghmel il-kontro esami relattiv. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif, wara li ghadda daqshekk zmien, tista' takkolji t-talba kif dedotta mill-istess rikors (ara ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess).

Ikkunsidrat

Illi, dan kollu premess, mill-provi li gew prodotti jidher li gie pruvat li l-attur ghall-perjodu in esami ma kienx naqas l-ammonti dovuti direttament lid-Dipartiment governattiv involut, bhala

kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali u taht is-sistema, hekk imsejjha, “pay as you earn” meta l-attur kien hallas (“gross”) il-paga lill-konvenut.  Minhabba hekk jidher li l-attur stess hallas l-ammont involuti meta gie informat dwar is-sistema “in vigore” hawn Malta fil-perjodu indikat fl-avviz.  Ghalhekk l-istess Qorti tara li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta’ Lm757.73,0 bl-imghax legali mill-15 ta‘ April 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Dicembru 1996 u tal-mandat ta’ qbid numru 215/97.

Alan Calleja
Deputat Registratur